**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016**

Numru 26

**Rikors Guramentat Nru. 813/2016**

**L-Avukat Dottor Clement Mifsud Bonnici**
**fil-kapacita tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti**
**Ercan Çilli, Cevdet Bilen u Ali Teke u**
**Ibrahim Çetin Filburnu,**
**Alper Serafettin Özdemir,**
**Özgur Özkan**
**Alphan Akbaylar**
**Sitki Ramazan Mirasyedi**
**vs**
**m.v. LETOON (IMO Nru. 8203646)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-16 ta' Settembru 2016 li jghid hekk:

1. Illi kull wiehed mill-esponenti dahlu fi 'Seafarer's Employment Agreement' ma' Letoon Shipping Ltd, cioe s-sid tal-bastiment intimat (annessi u mmarkati bhala 'Dokument GA1'; 'Dokument GA2'; 'Dokument GA3'; 'Dokument GA4'; 'Dokument GA5'; 'Dokument GA6'; 'Dokument GA7'; u 'Dokument GA8'). Il-maggoranza tal-esponenti jiffurmaw parti mill-ekwipagg abbord il-bastiment prezentement filwaqt li Ercan Çilli, Cevdet Bilen u Ali Teke kienu jiffurmaw parti mill-ekwipagg fil-passat u bhalissa mhumiex abbord tal-bastiment intimat;

2. Illi l-esponenti kienu dovuti l-ammont komplessiv ta' mitejn u hamsa u erbghin elf u tlieta u tmenin dollaru Amerikan (USD$245,083) rapprezentanti salarji mhux imhallsa ghas-servizzi rezi abbord il-bastiment intimat bhala ekwipagg (ara akkont dettaljat ta' dan fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dokument GA9');

3. Illi dan l-ammont huwa ekwivalenti ghal mitejn u tmintax-il elf u mitejn u hamsa u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu tal-ewro (€218,265.59) skont ir-rati ta'

kambju vigenti (ara akkont dettaljat ta' dan fid-dokumenti annessi u mmarkati bhala 'Dokument GA10'; 'Dokument GA11'; u 'Dokument GA12');
4. Illi ghalkem dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, id-dejn baqa' ma thallasx;

5. Illi in vista ta suespost l-esponenti talbu l-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bicca tal-bahar fl-atti 1288/2016 sabiex jkun jista' jzomm il-bastiment intimat milli jsalpa 'l barra mill-ibhra territorjali Maltin u dan gie akkordat mill-istess Onorabbli Qorti fl-5 ta' Settembru 2016 (hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument GA13'). Fil-fatt il-bastiment intimat jinstab prezentement maqbud fl-ibhra territorjali Maltin;

6. Illi sa fejn jafu l-esponenti u kif intqal lill-mandatarju specjali ta' dawk l-esponenti assenti, il-bastiment intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet tal-istess esponenti u ghalhekk jezistu r-ragunijiet kollha skont il-ligi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, tghid ghalhekk il-bastiment intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna l-bastiment intimat ihallas lill-esponenti s-somma ta' mitejn u tmintax-il elf u mitejn u hamsa u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu tal-ewro (€218,265.59) rapprezentanti salarji dovuti skont is-'Seafarer's Employment Agreements' riferiti hawn fuq.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sal-pagament effettiv.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-atturi;

Semghet ix-xhieda ta' Hubert Mifsud, fejn qal li hu rapprezentant tas-socjeta H. Mifsud Shipping, agenti tal-vapur m.v. LETOON kif awtorizzat mis-sidien tal-vapur Letoon Shipping Ltd. u skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu l-ammont mitlub mill-atturi ta' €218,265.59 huwa dovut bhala salarji lil atturi, membri tal-ekwipagg tal-istess vapur;

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti, wara l-ammissjoni tat-talbiet attrici da parti tar-rapprezentant tal-vapur konvenut, qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lil atturi s-somma ta' mitejn u tmintax-il elf u mitejn u

hamsa u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€218,265.59) rapprezentanti salarji dovuti skont is-'Seafarer's Employment Agreements' kif jidher fid-dokumenti GA1 sa GA8, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur